MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 9/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**

Vs

**Harvester Company Limited;**

**Charles Cordina;**

**Peter James Harland u martu Shelagh Jane Harland; Stewart Greener u Russell Greener ghal kull interess li jista' jkollhom.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

Illi l-Bank rikorrent kien silef lis-socjeta' Harvester Company Limited is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf disa' mija u sebgha u tletin Euro u erbgha u tletin centesimi (€232,937.34), b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-tmintax (18) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005), liema self kien sar biex gie finanzjat parti mill-prezz tax-xiri tal-fond numru sbatax (17), Triq Ix-Xaghra, b'zewg bibieb ohra bla numru ghal fuq l-Isqof Guzeppi Pace, maghrufa wkoll illum bhala Pjazza San Pawl, Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex, l-intier konfinanti tramuntana u lvant ma' Triq ix-Xaghra, u punent ma' Triq l-Isqof Guzeppi Pace, attwalment addebit bhala Bar u Restaurant bl-isem ta' '*Bo Jungles*' qabel maghrufa bhala *'The Steakhouse';*

Illi l-konvenut Charles Cordina u Claire Borg kienu kkostitwew ruhhom garanti solidali mal-kumpanija Harvester Company Limited ghall-hlas lura ta' dan is-self;

Illi fost il-kundizzjonijiet tas-self kien gie miftiehem espressament fil-kuntratt ta' self u bejgh bejn il-Bank, il-garanti, u l-kumpannija debitrici li 'ma jikrux, ma jissullokawx, ma jitilqux, u ma jhallux terzi persuni juzaw l-istess proprjeta' taht l-ebda titolu, u dan minghajr il-kunsens antecedenti u bil-miktub tal-Bank';

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-31 ta' Lulju 2009, il-Bank attur kien gie kkanonizzat kreditur tas-socjeta' konvenuta, tal-konvenut Charles Cordina, u ta' Claire Borg solidalment bejniethom, fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin elf disa' mija u sebgha u tletin Euro u erbgha u tletin centezmi (€232,937.34), bl-imghaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Mejju 2009 sal-effettiv pagament;

Illi minn din is-sentenza, kien sar appell mill-konvenut Charles Cordina quddiem il-Qorti tal-Appell, liema appell kien gie dikjarat dezert b'digriet tal-11 ta' Jannar 2010;

Illi meta l-Bank rikorrent gie sabiex jesegwixxi s-sentenza billi jitlob il-bejgh in subbasta tal-immobbli ipotekat, sab li dan il-fond kien okkupat mill-konvenuti l-ohra Peter James Harland u Shelagh Jane Harland, li kienu qeghdin jivvantaw favur taghhom titolu ta' lokazzjoni;

Illi l-Bank kien interpella lill-kumpannija konvenuta u lill-konvenut Charles Cordina biex jaghtuh it-taghrif kif u b'liema titolu jew jedd il-konvenut Peter James Harland u Shelagh Jane Harland qeghdin jokkupaw din il-proprjeta' ipotekata favur il-Bank, u l-Bank kien gie pprezentat b'kopja ta' skrittura tal-kera li ggib id-data tal-10 ta' Novembru 2006, li permezz taghha l-konvenuti Harland kienu gew moghtija mill-konvenut Charles Cordina, bl-adezjoni ghalhekk ukoll tal-kumpanija li fiha l-konvenut ghandu interess maggoritarju, id-dritt li juzaw il-fond billi kienet giet assenjata lilhom il-kirja tan-negozju ta' bar u restaurant li qed jigi gestit f'dan il-fond;

Illi b'dan il-kuntratt li sar bejn il-konvenut Charles Cordina, il-konvenuti l-ohra konjugi Harland u Stewart Greener u Russell Greener, il-Bank rikorrent bl-ebda mod ma kien gie avzat la mill-kumpannija konvenuta u lanqas mill-konvenut Charles Cordina, u bl-ebda mod il-Bank ma kien intalab mill-kumpanija jew mill-konvenut Charles Cordina, jew il-Bank rikorrent ta l-kunsens tieghu biex isir dan il-kuntratt, wisq aktar ma kienx inghata l-kunsens mill-Bank bil-miktub;

Illi l-Bank attur lanqas ma kien gie mgharraf la mill-kumpanija u lanqas mill-garanti meta saret it-talba ghas-self tal-flus u effettivament gew avvanzati l-flus lill-kumpanija ghax-xiri tal-fond, li l-konvenut Charles Cordina personalment kellu favur tieghu kirja tal-avvjament tan-negozju li kien qed jigi gestit mill-fond li gie ipotekat, u f'dan ir-rigward il-Bank qieghed jirriserva wkoll il-pozizzjoni tieghu li jiehu passi ohra fil-konfront tal-konvenuti Harvester Company Limited u Charles Cordina talli deliberatament hbew dan il-fatt mill-Bank li jolqot fis-sustanza u b'mod negattiv il-posizzjoni tal-Bank dwar is-sigurta' minnu mehuda biex taghmel tajjeb ghar-restituzzjoni tas-somma li kienet giet mislufa mill-istess Bank lill-kumpanija, u ghall-hlas tal-imghax;

Illi l-kuntratt mal-konvenuti Harland mill-konvenut l-iehor Charles Cordina sar bi ksur tal-obbligi kuntrattwali li gew assunti mill-kumpanija konvenuta, u l-garanti, u jippregudika serjament il-posizzjoni tal-Bank fil-konfront tal-kumpanija dwar il-kreditu li ghandu jigbor tas-self li kien ghamel fuq din il-proprjeta' kemm a rigward il-valur tal-proprjeta' li din iggib kemm-il darba l-Bank rikorrent jipprocedi biex jitlob il-bejgh tal-fond in subbasta minghajr il-pussess vakanti, kif ukoll mhuwiex f'posizzjoni li jirkupra ebda hlas ta' kera billi hemm kredituri ohra qabel il-Bank u ghall-ammonti ta' flus li ghadhom ma gewx saldati, u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza;

Illi l-Bank rikorrent irid jannulla u jottjeni dikjarazzjoni li l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006, hija wahda nulla u bla effett fil-ligi billi l-istess skrittura ma saritx bil-kunsens tal-Bank u l-Bank bl-ebda mod ma kien gie avzat meta kienet kundizzjoni espresso fil-kuntratt tas-self li sar mal-kumpannija li l-garanti, u l-kumpannija 'ma jikrux, ma jissullokawx, ma

jitilqux, u ma jhallux terzi persuni juzaw l-istess proprjeta′ taht l-ebda titolu, u dan minghajr il-kunsens antecedenti u bil-miktub tal-Bank′;

Is-socjeta′ attrici ghalhekk talbet lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-iskrittura tal-10 ta′ Novembru 2006, saret minghajr il-kunsens antecedenti tal-Bank attur, u konsegwentement saret bi ksur ta′ kundizzjonijiet li tahthom il-Bank kien silef lill-kumpannija u lill-garanti l-flus bil-kuntratt tat-18 ta′ Lulju 2005, u saret bi pregudizzju tad-drittijiet u l-interessi tal-Bank fuq il-flus li kienu gew minnu avvanzati lill-kumpanija Harvester Company Limited;

2. konsegwentement tannulla l-istess skrittura u tiddikjara li l-konvenuti Harland m′ghandhom ebda jedd li jibqghu jokkupaw il-fond;

3. tordna l-izgumbrament taghhom mill-fond.

Bl-ispejjez, u b′rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-Bank attur ghad-danni kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Charles Cordina li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxi illi l-Bank attur ma setax jipproponi din l-azzjoni ai termini ta′ l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta′ Malta u dana stante illi din il-kawza tikkoncerna kirja ta′ ‘going concern′, ix-xoljiment u l-annullament ta′ liema ma jistax isir fit-termini tal-artikoli surrideriti u dana skont gurisprudenza pacifika. F′kull kaz il-Bank attur lanqas ma mexa mal-formalitajiet rikjesti fit-termini tal-artikoli hawn fuq indikati billi la talab dispensa tas-smiegh tal-kawza skont dawk l-istess procedimenti u lanqas ma ppermetta illi l-konvenuti m′ghandhomx eccezzjonijiet validi x′jaghtu skont il-ligi u ghaldaqstant ir-rikors kif formolat huwa irritu u null;

2. Illi fil-mertu, il-pretensjoni tal-Bank attur li jitlob in-nullita′ ta′ l-iskrittura ma jregix ghar-raguni illi fl-ewwel lok il-Bank kien akkorrenti mill-fatt illi l-fond kien mikri lil terzi gia minn qabel ma sar il-kuntratt ta′ self u l-eventwali decizjoni tar-ripreza lura tal-fond u dana kif ser jirrizulta mill-provi;

3. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ghamel l-ebda kirja fl-10 ta′ Novembru 2006 izda sempliciment aderixxa ghac-cessjoni ta′ l-istess kirja pre-ezistenti li saret mill-kerreja koncedenti konjugi Harland lill-kerrejja Greener u certament ghal dan ma kellux bzonn l-awtorizzazzjoni preventiva tal-Bank attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Harland li permezz taghha eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-eccipjenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-bank attur.

2. Illi l-bank qieghed jibbaza t-talbiet tieghu fuq il-premessa li t-titolu ta' kera li l-esponenti igawdu fuq il-fond 'Bo Jangles' *(u mhux Bo Jungles kif skorrettement indikat fir-rikors guramentat)* ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu fuq il-premessa li dak it-titolu **inholoq wara** l-pubblikazzjoni tal-att ta' self fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-18 ta' Lulju 2005;

3. Illi din il-premessa hija skorretta u nfondata ghaliex it-titolu ta' kera kien diga' veljanti fil-mument ta' dik il-pubblikazzjoni, kif del resto kien jaf sa mill-bidunett u kif jammetti l-Bank stess bil-fatt li kien huwa stess illi esebixxa kopja tal-iskrittura datata 6 ta' Novembru 2004 li bih giet ikkrejata il-kirja favur Russell Greener u Stewart Greener;

4. Illi kulma sehh bis-sahha tal-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006 kienet cessjoni tal-kirja in forza ta' liema l-esponenti gew issostitwiti fil-persuna tal-inkwilini minflok l-inkwilini originali, bl-istess kondizzjonijiet originarjament pattwiti bejn is-sidien u l-inkwilini originali.

5. Illi tali cessjoni ma kinitx ipprojbita fit-termini tal-kuntratt ta' self bejn l-attur u l-kumpanija Harvester Company Limited, u Charles Cordina;

6. Illi jekk kien hemm xi malafede da parti ta' Harvester Company Limited u Charles Cordina fil-konfront tal-Bank, din il-mala fede hija ghall-esponenti att kompjut minn terz li b'ebda mod u manjiera ma tista' twaqqa' t-titolu validu li l-esponenti jgawdu fuq il-fond de quo, liema titolu jirrisali ghal qabel l-assunzjoni tad-debitu da parti ta' dawk il-konvenuti u ma tista' b'ebda mod tippregudika lill-esponenti jew iddghajjef it-titolu taghhom.

7. Ghaldaqstant, fil-konfront tal-esponenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Greener li permezz taghha eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-eccipjenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-bank attur.

2. Illi l-bank qieghed jibbaza t-talbiet tieghu fuq il-premessa li t-titolu ta' kera li l-esponenti igawdu fuq il-fond 'Bo Jangles' *(u mhux Bo Jungles kif skorrettement indikat fir-rikors guramentat)* ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu fuq il-premessa li dak it-titolu **nholoq wara** l-pubblikazzjoni tal-att ta' self fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-18 ta' Lulju 2005;

3. Illi din il-premessa hija skorretta u nfondata ghaliex it-titolu ta' kera kien diga' veljanti fil-mument ta' dik il-pubblikazzjoni, kif del resto kien jaf sa mill-bidunett u kif jammetti l-Bank stess bil-fatt li kien huwa stess illi esebixxa kopja tal-iskrittura datata 6 ta' Novembru 2004 li bih giet ikkrejata il-kirja favur Russell Greener u Stewart Greener;

4. Illi kulma sehh bis-sahha tal-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006 kienet cessjoni tal-kirja in forza ta' liema l-esponenti gew issostitwiti fil-persuna tal-inkwilini minflok l-inkwilini originali, bl-istess kondizzjonijiet originarjament pattwiti bejn is-sidien u l-inkwilini originali.

5. Illi tali cessjoni ma kinitx ipprojbita fit-termini tal-kuntratt ta' self bejn l-attur u l-kumpanija Harvester Company Limited, u Charles Cordina;

6. Illi jekk kien hemm xi malafede da parti ta' Harvester Company Limited u Charles Cordina fil-konfront tal-Bank, din il-mala fede hija ghall-esponenti att kompjut minn terz li b'ebda mod u manjiera ma tista' twaqqa' t-titolu validu li l-esponenti jgawdu fuq il-fond de quo, liema titolu jirrisali ghal qabel l-assunzjoni tad-debitu da parti ta' dawk il-konvenuti u ma tista' b'ebda mod tippregudika lill-esponenti jew iddghajjef it-titolu taghhom.

7. Illi ghandu jigi rilevat ukoll li meta l-intimati Harvester Company Limited u Charles Cordina gew biex jiehdu s-self minghand l-Bank of Valletta plc, dawn tal-ahhar gew debitament infurmati bil-fatt li tezisti l-kirja favur l-esponenti. Tant huwa hekk illi f'dak iz-zmien, fit-termini tal-kuntratt tal-kera, l-esponenti kellhom vigenti polza ta' assigurazzjoni dwar il-proprjeta' mikrija lilhom, li kienet ukoll testendi ghall-kontenut tal-fond immobbli. L-esponenti kienu gew avvicinati minn impjegati tal-bank li talbuhom jehdulhom kopja ta' din il-polza ta' assigurazzjoni. Meta l-esponenti hadu l-polza lill-Bank intalbu jiffirmaw sabiex din il-polza tigi ppleggjata favur il-bank. Allura l-esponenti wiegbu li ma kellhomx diffikulta' jaghmlu dan **dwar l-immobbli biss.** Il-Bank ghalhekk talabhom jaqsmu u jisseparaw il-polza ta' assigurazzjoni, haga li l-esponenti wettqu sad-19 ta' Lulju 2005 u mbaghad hadu l-polza ta' assigurazzjoni dwar l-immobbli lill-Bank. Wara dan ix-xoghol kollu, il-Bank informali lill-esponenti li dan ma kienx ghadu mehtieg ghaliex il-Bank kien ha mizuri ohra sabiex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu.

8. Ta' min isemmi wkoll li kemm l-esponenti kif ukoll il-konjugi Harland juzaw lill-Bank of Valletta plc bhala l-bank taghhom rigward in-negozju ta' 'Bo Jangles' mertu ta' din il-kawza u ghalhekk il-Bank certament ma jistax jghid li ma jafx bil-kirja jew bic-cessjoni.

9. Ghaldaqstant, fil-konfront tal-esponenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Rat li l-kumpanija konvenuta ghalhekk debitament notifikata ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u ghaldaqstant tinsab fi stat ta' kontumacja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-Bank attur iddikjara li huwa qieghed jattakka l-validita' tac-cessjoni li saret permezz ta' l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006 minhabba ksur ta' l-obbligi tal-kumpanija konvenuta u l-garanti ta' klawsola 5(b) tal-kuntratt ta' Lulju 2005 li sar fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti:

Illi permezz ta' kuntratt tat-18 ta' Lulju 2005 gie ppubblikat kuntratt ta' self u bejgh. Minn dan il-kuntratt jirrizulta li s-socjeta' attrici selfet lill-kumpanija Harvester Company Limited s-somma ta' Lm100,000. Claire Borg u l-konvenut Charles Cordina kkostitwew ruhhom garanti solidali. Dan is-self kien intiz ghal xiri ta' fond cioe' Bar & Restaurant.

Fost il-kundizzjonijiet li tnizzlu f'dan il-kuntratt insibu li l-kumpanija ma setghetx tikri, tissulloka, titlaq, u ma thallix terzi persuni juzaw l-istess proprjeta' taht l-ebda titolu, u dan minghajr il-kunsens antecedenti u bil-miktub tal-Bank.

Illi permezz ta' sentenza tal-31 ta' Lulju 2009 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) il-Bank of Valletta plc gie kanonizzat kreditur tas-socjeta' konvenuta, Charles Cordina u Claire Borg solidalment bejniethom. Gie nterpost appell, liema appell gie dikjarat dezert fil-11 ta' Jannar 2010.

Meta s-socjeta' attrici ppruvat tesegwixxi s-sentenza billi talbet il-bejgh in subbasta tal-immobbli sab li l-fond kien okkupat mill-konvenuti konjugi Harland li kienu qed jivvantaw favur taghhom titolu ta' lokazzjoni.

Illi nfatti jirrizulta li fl-10 ta' Novembru 2006 saret skrittura privata li permezz taghha l-konvenuti Harland gew moghtija mill-konvenut Charles Cordina billi gie assenjat lilhom id-dritt li juzaw il-fond billi giet assenjata lilhom il-kirja tan-negozju ta' bar & restaurant li kien qieghed jigi gestit mill-fond.

Is-socjeta' attrici ssostni li dan il-kuntratt bejn Cordina u l-konvenuti Greener u Harland sar ad insaputa tieghu u konsegwentement minghajr il-kunsens tieghu.

Il-Bank isostni wkoll li meta saret it-talba ghas-self tal-flus u dawn gew avvanzati, la l-kumpanija u lanqas il-garanti ma nfurmawh li Cordina kellu favur tieghu kirja tal-avvjament tan-negozju li kien qieghed jigi gestit mill-fond ipotekat.

Ghalhekk il-Bank isostni li l-kuntratt mal-konvenuti Harland mill-konvenut Cordina sar bi ksur tal-obbligi kuntrattwali assunti mill-kumpanija konvenuta u l-garanti.

Il-Bank ghalhekk permezz tal-kawza odjerna qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006 saret minghajr il-kunsens tal-Bank u kwindi bi ksur ta' kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-18 ta' Lulju 2005 u ghalhekk tannulla l-istess skrittura u tiddikjara li l-konvenuti Harland m'ghandhomx jedd jokkupaw il-fond u konsegwentement jigu zgumbrati.

Illi l-iskrittura datata 10 ta' Novembru 2006, Dok BOV 4[1] saret bejn Charles Cordina, Stewart Greener f'ismu u f'isem ibnu Russell u Peter u Shelagh Jane konjugi Harland. Minn

[1] A fol 35 tal-process

din l-iskrittura jirrizulta li fis-6 ta' Novembru 2004 (u kwindi precedenti ghall-kuntratt ta' self mill-bank attur), Charles Cordina kien ghadda l-avvjament ezercitat mill-fond inkwistjoni b'titolu ta' kera lil Greener. Permezz ta' l-iskrittura mertu tal-kawza odjerna, Greener assenjaw id-drittijiet taghhom lill-konjugi Harland u min-naha tieghu Cordina ta l-kunsens tieghu sabiex dan it-trasferiment ta' kirja jsehh u rrikonoxxa lil Harland bhala l-inkwilini tieghu fit-termini ta' l-iskrittura privata tas-6 ta' Novembru 2004.

Illi l-konvenuti Cordina, Greener u Harland, fost diversi eccezzjonijiet, eccepew li l-Bank kien jaf li l-fond kien mikri lil terzi u dan qabel il-kuntratt ta' self.

Illi fil-fehma tal-Qorti hemm diversi kwistjonijiet li jiridu jigu trattati:

1. Jekk il-Bank verament ma kienx a konoxxenza tal-fatt li kien precedenti ghas-self kien hemm diga' terzi joperaw mill-fond;

2. Jekk hemmx lok li jkun hemm *lifting of the corporate veil* fil-kaz tal-iskrittura li qed tintalab li tigi annullata;

3. jekk kienx hemm assenjazzjoni tal-avvjament jew kirja mill-gdid

Illi Frank Mallia[2] spjega kif ittiehed is-self. Huwa jixhed li l-Bank gie a konoxxenza tal-kirja meta mar biex imexxi ghall-esekuzzjoni tas-sentenza u jitlob il-bejgh bis-subbasta tal-fond ipotekat. Dr Scerri nfurmah li minn ricerki li kien ghamel minn xi atti tal-Qorti rrizulta li fil-fond kien hemm terzi persuni. Ix-xhud ighid li billi l-Bank ma kellux informazzjoni u ma kellu l-ebda dettalji baghat ghal Charles Cordina u Claire Borg. Charles Cordina ma tfaccax. Claire Borg kienet ikkorespondiet ma' Charles Massa (kollega tieghu). Hija qaltilhom li Charles Cordina kien infurmaha li ghamel *operational agreement* mal-konjugi Harland biex jehdulu hsieb ir-restaurant. Wara xi gimghat infurmat lill-Bank li kien irnexxilha tigbor xi skritturi minghand l-Avukat Galea u ghaddithom lill-Bank.

Huwa jkompli li minn Dok FM1 li hija korrispondenza elettronika bejn il-Bank u Dr Scerri minfejn jirrziulta evidenti li f'Gunju/Lulju 2010 il-Bank ma kellux kopji ta' dawn l-iskritturi. Fit-22 ta' Lulju 2010, is-socjeta' attrici baghtet ittra lil Charles Cordina[3] biex jibghat l-iskritturi. Minn email datata 27 ta' Awwissu 2010[4] jirrizulta li l-iskritturi gew f'idejn Dr Scerri f'Awwissu 2010. Meta l-Bank silef il-flus biex jiffinanzja l-proprjeta' kien

[2] Senior Relationship Manager fir-Recoveries Unit fi hdan is-socjeta' attrici
[3] A fol. 129 tal-process
[4] A fol 136 tal-process

ikkummissjona li jsiru r-ricerki dwar it-titolu tal-proprjeta' u ma rrizultax li kien hemm kirja favur terzi. Mill-files tal-Bank ma jirrizultax li qatt intalab il-kunsens u kwindi qatt ma ta ebda kunsens biex il-konjugi Harland juzaw il-fond. Ix-xhud jichad li l-Bank kien se jipplegja xi polza ta' assikurazzjoni li Greener kellhom. L-uniku polza li l-Bank kien ipplegja favur tieghu kienet life policy li kellu Cordina. Il-Bank jaf bhala fatt li Harvester Company Limited hija kumpanija ta' Charles Cordina li hija taht il-kontroll tieghu u ghandu interessi maggoritarji fiha.

Claire Borg[5], direttur tas-socjeta' konvenuta u azzjonista minoritarja, tispjega li dahlet fix-xena bhala direttur ghaliex Charles Cordina ma setax jiffirma kuntratti minhabba xi problemi li kellu. Il-kumpanija kienet ta' Charles Cordina. Ghalkemm hija kienet direttur, huwa kien imexxi u hija ma kellhiex access la ghall-accounts, la ghall-posta, kompjuter u ufficcju. Fiz-zmien li sar il-kuntratt ta' self hija kienet magoritarja tal-azzjonijiet fil-kumpanija. Wara s-shares inqalbu fuq Andreluna Ltd u hija fadlilha biss share wahda fil-kumpanija.

Dr Mario Scerri[6] jixhed li l-Bank inkarigah fis-sena 2009 biex jibda proceduri fil-konfront ta' Harvester Company Limited ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu. Fil-mori tal-kawza ghamel ricerka dwar numru ta' sentenzi kif ukoll mandati ezekuttivi li kien hemm fil-konfront ta' Charles Cordina personalment u wkoll tal-kumpanija. Huwa nduna li kien sar mandat ta' sekwestru minn Carmel Grech kontra Charles Cordina u nduna li l-avukat Galea kien iddepozita flus u imbaghad kien sar rikors ghall-izbank tal-flus. Minn dan il-mandat irrizulta wkoll li kienu gew sekwestrati xi flus li kien hemm jew seta' kien hemm f'idejn Harland. Huwa nforma lill-Bank ghaliex sa dakinhar kien taht l-impressjoni li l-fond *de quo* kien battal. Talab informazzjoni minghand il-Bank u mill-file tal-Bank ma rrizultat l-ebda informazzjoni li Harland kien qieghed jokkupa l-post. In kontro-ezami jixhed li mill-file li kellu l-Bank ma kellux l-iskritturi tas-sena 2004 u l-ohra u ma kien hemm ebda minuta dwar l-ewwel ftehim tas-sena 2004.

Jack Theuma[7] xehed li talba ghas-self mill-kumpanija konvenuta saret minn Charles Cordina fid-19 ta' Awwissu 2004 u qatt ma wera lill-Bank li kien hemm kirja u lanqas li kien hemm kunsens. In kontro-ezami[8] qal li l-Bank qatt ma kien jaf bil-konvenuti Greener u Harland. Mill-verifiki[9] li wettaq irrizultalu li mal-Bank hemm kont kurrenti fuq il-kumpanija li taghha hija firmatarja l-konvenuta Harland. Originarjament infetah minn Greener u mbaghad kien hemm tibdil fil-15 ta' Novembru 2006 fl-indirizz tal-ufficcju, tas-shareholders u diretturi. L-indirizz inbidel ghal Barracuda Apt Flt 7, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn. Ghar-rigward ta'

---

[5] Seduta tas-6 ta' Lulju 2011
[6] Seduta tat-28 ta' Settembru 2011
[7] Branch Manager tal-Fergha ta' Ghawdex, affidavit a fol 164 tal-process
[8] Seduta tal-5 ta' Lulju 2012
[9] Seduta tas-6 ta' Novembru 2012

Greener ma jirrizultax li ghandhom kontijiet bankarji, mentri Harland ghandhom joint account.

Peter Harland[10] xehed li huwa u martu bdew ighixu f'Ghawdex f'April 2006. Huma ltaqghu mal-familja Greener u saru hbieb. Kienu jkunu sikwit il-*Bo Jangles* li kien operat minn Greener. Saru l-arrangamenti biex tigi ffirmata l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006. Apparti li gew assenjati l-avvjament, kienu akkwistaw l-ishma fil-kumpanija BoJangles Limited. Kif gew akkwistati l-ishma martu marret fil-fergha tal-Bank of Valletta plc flimkien mal-konvenuti Greener biex jemendaw il-lista tal-persuni li setghu jhaddmu l-kont tal-kumpanija. Il-konvenuti Greener tnehhew mil-lista tal-firmatarji.

Stewart Greener[11] xehed dwar kif inkera l-fond u l-polza ta' assikurazzjoni li saret u li hija flimkien ma' ibnu waqfu l-kumpanija BoJangles Limited. Fit-8 ta' Ottubru 2004 fethu kont bankarju mal-fergha tal-Bank of Valletta plc fir-Rabat, Ghawdex f'isem il-kumpanija[12]. Qabel ma nfetah dan il-kont intalbu l-karti ta' l-identita', informazzjoni dwar il-kumpanija u kuntratti izda dakinhar l-iskrittura tal-kera ma kinitx ghadha ffirmata. Il-Bank talab li jkollu d-dokumenti necessarji f'idejh qabel ma jkunu jistghu joperaw il-kont. Hekk kif kellu kopja tal-ftehim tal-kirja ffirmat huwa ghaddih lill-Bank u bdew joperaw. Minn Dok SG5 jirrizulta li bdew joperaw fil-11 ta' Novembru 2004.

Huwa jixhed li f'Lulju 2005 ircieva telefonata mill-fergha tal-Bank of Valletta, Rabat, Ghawdex biex jiehu kopja tal-polza ta' assikurazzjoni. Huwa assuma li kellu x'jaqsam mal-kont bankarju tal-kumpanija. Dakinhar stess cempillu Charles Cordina li spjegalu li kien bi hsiebu jiehu self mill-Bank attur u li l-Bank kellu bzonn kopja tal-polza ta' assikurazzjoni minhabba f'hekk. Huwa mar il-Bank kif mitlub. Dakinhar kien hemm Charles Cordina, Claire Borg u Carmel Grech u martu l-Bank. Meta kien il-Bank gie mitlub jipplegja l-polza bhala sigurta' ghad-dejn li kienu se jiehdu Charles u Claire. Izda huwa qalilhom li dan ma setax ikun billi l-polza kienet tassigura mobbli u immobbli. Ghalhekk fid-19 ta' Lulju 2005 huwa qasam il-polza izda meta mar il-Bank biex jinfurmahom qalulu li ma kienx ghad hemm bzonnha.

Huwa jixhed li fl-10 ta' Novembru 2006 giet iffirmata l-iskrittura ma' Harland u bieghu l-interessi taghhom fil-kumpanija BoJangles Limited. Huma marru l-fergha tal-bank attur biex ma jibqghux firmatarji tal-kont.

---

[10] Affidavit a fol 192 tal-process
[11] Affidavit a fol 206 tal-process
[12] Dok SG4

Il-konvenut Charles Cordina xehed fl-affidavit tieghu[13] li huwa kien iffirma konvenju mal-konjugi Grech biex jixtri l-proprjeta' in kwistjoni u dan kien ghal zmien tliett snin. Wara li gie ffirmat dan il-konvenju huwa beda jitkellem mal-Bank attur sabiex ikun jista' jiehu self. F'dak iz-zmien hadd ma kien qieghed jopera minn dan il-fond. Huwa kien jikkomunika mal-Bank biex jigi assigurat il-hlas tar-*repayments.* L-uniku ghazla kienet li tinstab persuna/kumpanija biex tikri l-post. Ghalhekk il-konvenju gie estiz ghal sena ohra. Wara xi zmien sab lill-konvenut Greener u waslu fi qbil u ffirmaw skrittura. Il-kirja kellha tkun ghal ghoxrin sena u kollox inhadem b'tali mod li kien se jkun f'posizzjoni li jhallas is-self. Il-Bank attur issuggerixxa l i titwaqqaf kumpanija li kellha tkun is-sid tal-fond inkwistjoni u li l-uniku dhul taghha kellu jkun ir-renta mill-kiri tal-fond de quo.

In kontro-ezami Cordina xehed li l-s-socjeta' attrici kienet taf bil-kirja meta sar il-kuntratt ta' self u xiri u li huwa kien prezenti ghall-kuntratt biex jirrapprezenta l-kirja u li l-kirja kienet qeghdha tintuza' bhala garanzija ghas-self. Huwa xehed li lill-Bank attur m'avzahx ufficjalment bil-fatt li Harland kienu se jidhlu fil-post minflok Greener u dan billi huwa jikkontendi li l-kirja kienet veljanti mal-kuntratt pubbliku u li kulma sar fil-kaz ta' Harland kien li l-kirja tkompliet minn haddiehor.

**Eccezzjonijiet**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Cordina giet irtirata fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Illi l-konvenuti kollha li pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom jikkontendu li l-Bank attur kien jaf li l-fond kien mikri u dan qabel ma sar il-kuntratt ta' self.

Illi f'dan l-istadju jehtieg li jigi ppuntwalizzat li:

Il-Bank attur qieghed jittenta jannulla l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006 u mhux ukoll l-iskrittura tas-sena 2004 (naturalment billi dak iz-zmien il-kuntratt ta' self ma kienx ghadu gie ppubblikat).

Gie stabbilit li Cordina jew il-kumpanija konvenuta m'avzawx lis-socjeta' attrici b'mod ufficjali bl-iskrittura ta' Novembru 2006. Dan kif gie konfermat mill-istess Cordina.

[13] A fol 287 tal-process

Biss pero' fil-fehma tal-Qorti l-indagini taghha ma tistax tieqaf hawn u tkun daqstant simplicistika. Dan qieghed jigi rilevat billi ghalkemm fil-kuntratt ta' self u xiri tnizzlet il-klawsola 5(b) li testwalment tipprovdi li

*"Il-Kumpanija u l-Garanti jobbligaw ruhhom a favur tal-Bank, li jaccetta:*

*b. illi ma jikrux, ma jissullokawx, ma jitilqux u ma jhallux terzi persuni juzaw l-istess proprjeta' taht l-ebda titolu, u dan minghajr il-kunsens antecedenti u bil-miktub tal-Bank".*

Il-Qorti hija perplessa kif iddahlet tali klawsola f'dan il-kuntratt meta gie ppruvat li l-istess bank attur kien jaf li l-fond li kien se jinxtara kien diga' mikri lil terzi u li proprju l-hlas tal-pagamenti mensili kellu jigi mill-hlas tal-kirja. Huwa minnu li l-kuntratt gie ffirmat mis-socjeta' konvenuta bil-klawsola b'kollox u l-garanti kienu konsapevoli ta' l-istess u l-kuntratt ma giex attakkat. Madankollu ma jistax jigu injorati d-diversi provi li tressqu li juru l-kuntrarju nonostante l-inseriment tal-klawsola (li probabilment hija *a standard clause*). Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet li se jigu elenkati. Fl-ewwel lok, ix-xhud Jack Theuma, Bank Manager tal-Bank attur, esebixxa dak li jissejjah *business plan* ossija li hija t-talba li saret minn Charles Cordina bhala Direttur ta' Harvester Company Limited sabiex iressaq it-talba tieghu ghal self li hija datata 19 ta' Awwissu 2004[14]. Minn dan id-dokument jirrizulta li gie propost is-segwenti:

*"It is envisaged to repay all bank loans, including interest, from the profits generated by the operation of the existing restaurant and business. The Director of the Company proposes to lease the premises to an operating Company, at a yearly rental fee calculated to cover the yearly Bank Loan repayments, after making suitable provision for the payment of Company taxes and other administrative expenses".*

*"The strength of the project lies in the fact that the operation of the existing premises has, for a number of years, been carried out by another company in which the undersigned, has majority control. This secures and guarantees the determination and monthly payment of the rental fees that will be due and receivable as a result of the lease that the Company will enter into for the operation of the existing restaurant. This arrangement would secure the cash flow requirements of the Company in the short and medium term."*

[14] A fol. 166 tal-process

Fid-9 ta' Ottubru 2004, Claire Borg bhala direttur ta' Harvester Company Limited regghet ressqet il-business plan fejn kien kwazi jdentiku ghall-iehor precedentement imsemmi. Biss f'dan gie indikat li l-kumpanija li se tkun qeghda topera taht *an operating/lease agreement* kienet se tkun Andreluna Ltd.

In segwitu ghal dan giet redatta l-iskrittura bejn Greener u Charles Cordina fis-6 ta' Novembru 2004[15]. Permezz ta' dan il-ftehim Cordina kera l-avvjament (business concern) ezercitat mill-fond inkwistjoni. Il-kirja saret ghall-perjodu ta' ghoxrin sena li kellu jibda mill-1 ta' Frar 2005 bil-kera li kellha tawmenta maz-zmien skont il-klawsola numru tnejn fl-istess skrittura.

Illi fl-14 ta' Dicembru 2004 harget is-*sanction letter*[16] mill-Bank attur minfejn jirrizulta li l-kumpanija konvenuta kienet se tiehu self ta' Lm100,000 li kellhom jithallsu b'pagamenti mensili ta' Lm750 fuq medda ta' ghoxrin sena.

Il-kuntratt ta' self u bejgh gie ppubblikat fit-18 ta' Lulju 2005 u cioe' ferm wara li Greener kienu bdew jiggestixxu l-attivita' taghhom mill-fond li kien se jinxtara.

Illi l-Qorti ma tqisx li hija kumbinazzjoni li t-terminu li jissemma' fis-sanction letter huwa ta' ghoxrin sena sabiex jithallas is-self. Dan jikkombaca precizament mal-perjodu tal-kirja tal-avvjament. Il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija mill-konvenut f'dan ir-rigward hija kredibbli u cioe' li l-Bank kien jaf li r-radd tas-self kien se jorigina mill-kirja tal-avvjament. Tant kien jaf li dan kien indikat b'mod car fil-business plan u evidentement il-Bank accetta tali proposta billi mis-sanction letter ma jirrizultax mod iehor u lanqas mill-provi prodotti waqt is-smiegh tal-provi.

Fit-tieni lok, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda li ta l-konvenut Greener li certament m'ghandu l-ebda interess li jipprova jahbi l-fatti u jghaweg l-istess ghal xi gwadann tieghu. Hekk kif gie rilevat aktar 'il fuq, hekk kif giet iffirmata l-iskrittura tal-kirja tal-avvjament tas-6 ta' Novembru 2004, il-konvenuti Greener marru fil-fergha tar-Rabat tal-Bank attur u fethu kont bankarju (overdraft) f'isem il-kumpanija BoJangles Limited. Huwa jixhed li qabel ma beda jopera dan il-kont kellu jghaddi kopja tal-iskrittura lill-Bank attur. Dan ovvjament huwa kredibbli u jaghmel sens ghaliex mhux possibbli li tinghata facilita' bhal overdraft minghajr

[15] Dok BOV5 a fol 43 tal-process
[16] A fol 176 tal-process

ma' jsiru d-debiti verifiki. Huwa minnu li l-indirizz registrat tal-kumpanija mhux dak tar-restaurant izda l-iskrittura kienet f'idejn il-Bank u kwindi kollox seta' jigi verifikat facilment.

Oltre minn hekk, il-konvenut Greener xehed li f'Lulju 2005 huwa ircieva telefonata mill-fergha tal-Bank attur fir-Rabat, Ghawdex sabiex jiehu kopja tal-polza ta' assikurazzjoni sabiex tigi pplegjata wkoll bhala sigurta' ghas-self li kienet li se tiehu l-kumpanija konvenuta biex tixtri l-fond inkwistjoni. Eventwalment din ma ntuzatx izda dan ikompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li l-Bank attur kien jaf bil-kirja qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' self u bejgh.

Bir-rispett kollu, l-argument migjub mill-Bank attur li l-ipprocessar tas-self mitlub mill-kumpanija u l-ipprocessar ghal talba ta' overdraft isiru minn dipartimenti differenti w allura jkompli jsostni li l-Bank ma kienx jaf bil-kirja huwa fallaci. Il-Bank ghalkemm maghmul minn dipartimenti differenti huwa kumpanija wahda.

Fit-tielet lok, ix-xhieda mressqa mill-Bank attur xehdu li l-iskritturi tal-kirja ma kienux fil-files tal-Bank izda gew f'idejhom ferm wara meta l-kumpanija ma bdietx thallas il-pagamenti mensili. Dan fih innifsu m'ghandux iwassal lil din il-Qorti tiddeciedi li l-Bank ma kienx jaf bil-kirja ghaliex in verita' gie ppruvat il-kuntrarju. Oltre' minn hekk il-konvenut Greener xehed li kien ghadda kopja ta' l-iskrittura tal-kirja li saret fis-sena 2004 sa minn qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' self u bejgh. Huwa minnu li l-Bank ma kellux fil-pussess tieghu l-iskrittura li saret fis-sena 2006.

Illi stabilit dan kollu, jehtieg ukoll li jigi trattat il-punt sollevat mill-Bank attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu meta jsostni li hemm konnessjoni bejn il-konvenut Cordina u l-kumpanija konvenuta u li f'kaz fejn il-personalita' guridika tal-kumpanija tkun intuzat ghal skop frawdolenti l-Qorti tista' tghaddi sabiex tnehhi l-velu tal-kumpanija u tinvestiga operat li jkun frawdolenti jew li jirrazenta abbuz tal-process gudizzjarju.

Il-Bank attur isostni li t-tibdil li sar fil-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija konvenuta fil-perjodu bejn meta harget is-sanction letter u gie ppubblikat il-kuntratt ta' self u bejgh juri mala fede u ghan frawdolenti da parti tal-azzjonisti f'dik il-kumpanija. Hekk kif gie ppruvat mix-xhieda tal-konvenut Cordina iz-zieda fl-issued share capital kien gie suggerit mill-Bank attur billi f'dak iz-zmien il-kapital azzjonarju tal-kumpanija kien fil-minimu permess mil-ligi. Dwar il-fatt li nhatret Claire Borg bhala direttur tal-kumpanija jirrizulta li Cordina kellu diversi kwistjonijiet, fosthom anki ta' natura personali, li kien necessarju li jsir hekk. Oltre' dan irrizulta wkoll li f'dawk iz-zminijiet Claire Borg u Cordina kienu f'relazzjoni ma' xulxin tant li anki kellhom wild. Filwaqt li Claire

Borg xehdet li hija kienet biss direttur fuq il-karta ghaliex kollox kien f'idejn Cordina jinghad li l-Bank donnu kien konsapevoli ta' dan ghaliex meta gie biex talab garanzija talab ukoll lil Cordina. Jirrizulta nfatti minn Dok BOV 2[17] li l-konvenut Charles Cordina ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija (apparti Claire Borg) u dan meta l-istess Cordina ma kienx jidher ghadu nvolut fil-karti f'din il-kumpanija. Inoltre' tajjeb ukoll li jigi rilevat li l-Bank seta' dejjem jivverifika l-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija konvenuta sal-gurnata tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ghaliex dan facilment seta' jsir mill-Bank attur jew jintalab minnu.

Il-Bank ikompli jissottometti li l-konvenut Cordina kien jaf bil-kundizzjoni li saret fuq il-kuntratt ta' self u bejgh li l-kumpanija u l-garanti ma jikrux, ma jissullokawx, ma jitilqux u ma jhallux terzi persuni juzaw l-istess proprjeta' taht l-ebda titolu u dan minghajr il-kunsens antecedenti u bil-miktub tal-Bank. Fuq dan il-punt jirrizulta li Cordina kien jaf b'din il-kundizzjoni u li huwa ma nfurmax lill-Bank bl-istess skrittura u jsegwi ghalhekk li ma ppruvax jottjeni l-kunsens antecedenti bil-miktub. Biss pero' kif diga' gie stabilit il-Bank kien jaf li fil-post inkwistjoni n-negozju kien diga' qieghed jigi gestit minn terzi qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' self u bejgh. Il-kwistjoni hija ghalhekk jekk kienx hemm il-htiega tal-kunsens antecedenti.

F'dan il-punt irid ukoll jigi rilevat li l-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006 saret bejn il-konvenuti Greener u Stewart (li ma kienux kontraenti fil-kuntratt ta' self u bejgh u li ma giex ippruvat li huma b'xi mod kienu jafu b'din il-klawsola) u Cordina personalment ta l-kunsens tieghu sabiex ic-cessjoni tal-kirja tal-avvjament issehh.

Illi l-konvenuti jargumentaw li anki jekk jitqies li kien mehtieg il-kunsens minn qabel tal-Bank sabiex setghet issir l-iskrittura kkontestata l-konvenuti Greener u Stewart ma setghux kienu jafu b'din il-htiega. Hawnhekk il-Qorti taqbel maghhom ghaliex huma ma kienux kontraenti fil-kuntratt ta' self u bejgh u kwindi ma kienux marbuta b'tali klawsola fi kwalunkwe kaz. Oltre' dan il-konvenuti jargumentaw li ma kienx mehtieg kunsens jew approvazzjoni antecedenti da parti tal-Bank sabiex issir l-iskrittura ta' Novembru 2006. Huma jsostnu li din l-iskrittura tirrigwarda biss l-kirja tal-avvjament tan-negozju li kien gestit f'dan il-fond. Dan l-avvjament kien diga' gie koncess minn Charles Cordina lil Greener fl-2004. Dan il-fatt huwa prova minnu nnifsu li sahansitra qabel l-2004, il-pussess guridiku tal-fond kien f'idejn Cordina. Kien l-avvjament tan-negozju biss li gie koncess minn Cordina lil Greener. Bil-fatt li sussegwentement giet iffirmata l-iskrittura ta' cessjoni tal-kirja tal-avvjament ma nbidel xejn guridikament, jew fattwalment, dwar il-pussess tal-fond veru proprju ghaliex il-konvenuti Stewart akkwistaw biss l-uzu ta' l-avvjament, universita' ta' mobbli, li kien qieghed jigi gestit f'dan il-fond.

[17] A fol 14 tal-process

Illi fl-iskrittura tal-10 ta' Novembru 2006, Charles Cordina (grantor) fuq naha, Stewart u Russell Greener (assignors) u Peter u Shelagh Jane Harland (assignees) fl-ewwel lok irreferew ghall-iskrittura li kienet saret fis-6 ta' Novembru 2004. Testwalment gie maqbul is-segwenti:

*"Now therefore by virtue of this private writing the assignors are hereby assigning and transferring unto the assignees, who accept and acquire from them all the rights and obligations arising in their favour or against them out of the said private writing of lease".*

*"For the avoidance of all doubts, the grantor on the one hand and the assignees on the other hand are replicating hereunder the terms and conditions included in the original private writing of lease and which terms and conditions shall continue to apply mutatis mutandis to their relationship".*

Mill-istess skrittura jirrizulta li t-terminu tal-kirja ta' l-avvjament kompla mat-terminu li kien diga' ghadda diga' ossija sentejn. Huwa altru milli evidenti li l-konjugi Stewart dahlu fiz-zarbun ta' Greener u ma nbidel xejn guridikament u l-Bank attur ma giex ippregidikat fid-drittijiet tieghu ghaliex is-sitwazzjoni guridika baqghet dik li kienet qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' self u bejgh b'liema sitwazzjoni il-Bank kien konsapevoli taghha. Kwindi l-argumenti mressqa mill-konvenuti ghandhom mis-sewwa.

Dan huwa kaz verament b'fattispecie partikolari ghaliex il-massima hija li ladarba partijiet kkuntrattaw u qablu dwar id-diversi kundizzjonijiet u obbligi dak huwa l-ligi bejn il-partijiet. Min-naha l-ohra pero' n-negozji guridici ghandhom jigu esegwiti in buona fede mill-partijiet u ghalhekk ladarba gie ppruvat li l-Bank kien konsapevoli tal-kirja tal-avvjament li saret fis-sena 2004 anzi kienet il-bazi ghaliex inghata s-self huwa altru milli evidenti li l-klawsola inkwistjoni ma tistax tigi applikata a favur tal-Bank billi kulma sar kien li Stewart komplew fejn hallew Greener u dak stipulat fil-klawsola (li in verita' ma kellhiex tigi inkluza tenut kont tal-kaz) ma sehhx.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Charles Cordina, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti kollha filwaqt li tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez, ad eccezzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Cordina li ghandhom jithallsu mill-istess Cordina, a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------